# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 14**

**Citazzjoni numru 769/03 NC**

**Rita Schembri f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri Janelle u Charlton ahwa Schembri**

**v.**

**Joseph Schembri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ippremettiet illi:

> "Peress li l-partijiet izzewgu f'Malta fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal u cioe`, Janelle imwielda fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disghin (1990) u Charlton, imwieled fid-disa' ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
>
> "U peress li l-hajja mizzewga tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

"U peress li l-attrici, ghal dawn il-motivi, talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi f'dina l-Qorti Civili fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Digriet numru 971/03, **Dok A)**

"**Ghaldaqstant** ghar-ragunijiet premessi,

"**Jghid** il-konvenut il ghaliex:-

"1. M'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Schembri minhabba kommessi mill-konvenut kontra martu u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

"2. M'ghandhiex l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri ahwa Janelle u Charlton ahwa Schembri salv l-access favur il-konvenut stabbilit fl-ahjar interess tal-minuri;

"3. M'ghandhiex din il-Qorti tiffissa retta alimentajra ghaliha u ghal wild minuri imsemmija u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa inkluz provvediment ghall-awment perjodiku tal-manteniment sabiex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja;

"4. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte.

"5. M'ghandhiex tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u l-akkwisti li jkunu saru bix-xoghol u hila tal-attrici minn dik id-data 'l quddiem, jibqghu biss a beneficcju taghha, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

"6. Tordna lill-konvenut jirresitwixxi lill-attrici l-beni kollha parafenali u dotali taghha.

"7. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

"**Bl-ispejjez –** komprizi tal-proceduri kollha inkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghall-awtorizzazzjoni u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 35/03 P.A. fl-ismijiet kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni."

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

"(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha stante illi mhux minnu li l-esponenti sar hati ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi kif allegat l-attrici. Kienet l-istess konvenuta li minhabba li 'birdet' mill-esponenti kif ammettiet hija stess mieghu u ma' diversi persuni ohra tant li telqet mid-dar konjugali biex tkun tista' tghix hajja libera li fost hwejjeg ohra tikkonsisti billi tmur tiddeverti Paceville ma' habibtha sas-sieghat bikrin ta' filghodu u sahansitra tiehu maghha lil bintha minuri Gianella biex tippartecipa f'dan ix-xalar, illi tat lok ghas-separazzjoni in kwistjoni.

"(2) Salv kull eccezzjoni ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-29 ta' Novembru 2013;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi peress li, fost it-talbiet taghha, l-attrici qed titlob li din il-Qorti tordna l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut, allura dan necessarjament jirrikjedi li din il-Qorti tiddeciedi dwar il-htija ghas-separazzjoni, stante li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ghandu bhala bazi legali tieghu, is-sejbien ta' htija ghas-separazzjoni.

"Fir-rigward, din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, tosserva li mill-provi jirrizulta *ex abundantia* li l-konvivenza matrimonjali kienet saret impossibbli ghall-attrici tenut kont tal-vjolenza kommessa mill-konvenut fil-konfront taghha u anke ta' binthom, u dan, fuq bazi abitwali u ripetut. Tant, li f' Settembru 2002 l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali sabiex tevita aktar vjolenza fuqha. Dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut jinkwadra bhala 'sevizzi' fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap.16 u huwa l-kawza esklussiva tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u wkoll, tenut kont tal-gravita' tieghu, ghandu jittira fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 fuq citat.

"Rigward l-allegazzjoni ta' adulterju maghmula mill-konvenut fil-konfront tal-attrici, il-Qorti tosserva li dan ma jirrizultax. Ir-relazzjoni li sussegwentement kellha l-attrici ma kinitx la l-kawza u lanqas kawza tas-

separazzjoni, ghax iz-zwieg kien ilu li tkisser bil-komportament vjolent u abuziv da parti ta' zewgha.

"Huwa opportun li jigi osservat li, fil-mori tal-proceduri odjerni, iz-zwieg bejn il-partijiet gie annullat fil-5 ta' Marzu 2010, u ghalhekk, minn dak in-nhar l-attrici kienet libera li tittrattjeni relazzjoni ma' ragel iehor.

"**Manteniment**

"Illi jidher li z-zewg ulied tal-partijiet illum huma t-tnejn maggjorenni, Janelle twieldet fil-11 ta' Frar 1990 u Charlton twieled fid-9 ta' Jannar 1995 u ghalhekk illum ghandhom 23 u 18-il sena rispettivament.

"Illi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2013 l-attrici ikkonfermat bil-gurament quddiem il-Qorti li t-tifel sar maggioreni, izda fadal arretrati ta' manteniment ghat-tifel dovuti mill-konvenut li huma ta' circa 600 euro u dan ghall-perijodu li jestendi sal-20 ta' Jannar 2013"[1]. Dan ma giex ikkontestat mill-konvenut anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu,. ghalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut jghaddi s-somma ta' sitt mitt ewro [€600] lill-attrici bhala arretrati ta' manteniment ghat-tifel tal-partijiet.

"Peress li z-zwieg tal-partijiet gie annullat l-ebda manteniment m'ghandu jghaddi bejn il-partijiet.

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Parafernali tal-Paritjiet**

"*[1] Immobbli tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti*

"Illi l-partijiet jaqblu li l-garaxxijiet, wiehed fi Triq ir-Raheb, Tarxien u zewg garaxxijiet ohra numru 4 u numru 5 fi Triq Gdida li taghti ghal Triq Dun Karm, Tarxien dawn jappartjeni lill-Komunjoni ta' l-Akkwisti.

"Il-Qorti hatret lill-Perit Tekniku Mario Cassar sabiex jaghmel stima taghhom. Il-valur ta' dawn il-garaxxijiet huma ta' Lm60,000 ghall-garaxx ta' Triq ir-Raheb filwaqt li z-zewg garaxxijiet l-ohra gew valutati li jiswew Lm6000 kull wiehed.

"Fir-rigward tal-garaxxijiet iz-zghar bin-numri 4 u 5 dawn ghandhom jigu assenjati wiehed kull wiehed mill-partijiet billi jittellu' bil-polza.

"Fir-rigward tal-garaxx il-kbir li gie stmat Lm60,000 mill Perit Tekniku Mario Cassar, il-Qorti, ma tikkondividix il-hsieb tal-perit legali, li dan ghandu jigi assenjat lill-attrici fl-intier tieghu, b' applikazzjoni tal-artikolu 48 fuq citat. Il-Qorti tosserva li dan hu proprjeta' tal-komunjoni li hadmu ghalih iz-zewg partijiet, il-konvenut billi hadem ghall-introjtu, filwaqt li l-attrici kienet taghmel ix-xoghol id-dar, u tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja, li fih innifsu, ghandu valur ekonomiku.

[1] Vol. 5 fol. 1609.

"Ghalhekk tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont ta' LM60,000 [illum ekwivalenti ghas-somma ta' €139,800]; u fil-kaz li ma jinbighx f' dan il-perijodu, jinbigh bis-subbasta skont il-ligi. Ir-rikavat minn dan il-bejgh jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

"*[2] "**Trading Licence***

"Fir-rigward, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-partijiet kellhom sub-agency ta' insurance li kienet fuq isem l-attrici, u bil-kunsens tal-konvenut giet trasferita fuq missierha. Ghalhekk din ma tistax tigi kkunsidrata izjed bhala proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk ma tidholx fil-likwidazzjoni tal-akkwisti.

"*[3] Kirjiet matul iz-zwieg*

"Il-Qorti taghmel referenza ghal dan it-titolu fir-rapport tal-Perit Legali li jinsab minn pagna 28 sa pagna 31[2] tar-rapport u taddottah fl-intier tieghu, u qed tannetti kopja tal-istess mal-gudizzju odjern sabiex jaghmel parti integrali mill-istess. [Appendix A – Vol.5 fols.1599 sa 1602]

"*[4] In-negozju u vetturi tan-negozju*

"Illi din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni maghmula mill-perit legali li ma jirrizultawx provi sufficjenti sabiex issir il-likwidazzjoni ta' dan in-negozju. Jirrizulta pero' li kien ghad hemm spare parts meta l-attrici telqet mid-dar f' Settembru 2002, liema fatt gie ammess mill-istess konvenut.

"Ghalhekk din il-Qorti qed tirrizerva li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' din il-parti tal-assi tal-komunjoni jsir f' gudizzju separat fuq talba ad hoc ta' wiehed mill-partijiet.

"*[5] Mobbli u Vetturi*

"Rigward il-mobbli, il-provi huma skarsi, u l-provi li hemm huma kontrastati mill-partijiet. L-attrici tghid li ghandha tiehu xi oggetti mobbli li kienu fid-dar matrimonjali u li halliethom warajha meta telqet, filwaqt li l-konvenut jghid li l-attrici hadet id-deheb kollu u l-flus kontanti, flimkien mal-ghamara li kien hemm fid-dar. L-attrici tghid li l-ghamara kienet xtratilha kollha ommha, flimkien mal-vettura Peugeot 403.

"Illi ghalkemm mill-provi jirrizulta li matul iz-zmien il-konvenut kellu diversi karrozzi fuq ismu, ma jirrizultax dawn x' sar minnhom, kif lanqas jirrizulta l-valur rispettiv taghhom. Lanqas prova sodisfacenti li l-vettura Peugeot giet mixtrija minn omm l-attrici ma hemm. Fil-fatt din ta' l-ahhar ma semmiet xejn fir-rigward, fix-xhieda taghha.

"F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tillikwida dawn l-assi tal-komunjoni, u lanqas tassenjahom.

[2] Vol. 5, fols. 1599 – 1602.

"*[6] Dejn ma' missier l-attrici*

"Jirrizulta li dan id-dejn huwa regolat bi skrittura privata datata 1 ta' Gunju 2001 iffirmata mill-partijiet fuq naha u mill-genituri tal-attrici fuq n-naha l-ohra, quddiem in-Nutar Spiteri u li dwarha ghad hemm kawza pendenti.

"Din il-Qorti tirrileva li l-kreditu pretiz minn missier l-attrici ma jistax jigi rizolt f' dawn il-proceduri, kemm ghax missier l-attrici mhux parti fil-kawza, kif ukoll ghax hemm kawza ohra pendenti fir-rigward. Ghalhekk din il-Qorti qed tillimita ruhha ghall-affermazzjoni li dan id-dejn huwa tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk, jekk jirrizulta dovut, ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

"*[7] Kontijiet il-Bank*

"Il-Qorti taghmel referenza ghal pagni 20 u 21 [fols.1591 u 1592 tal-process] tar-rapport tal-perit legali u taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa fejn il-partijiet ghandhom kull wiehed minnhom izomm il-kontijiet bankarji intesta f'isimihom, kwalunkwe kont kongunt ghandu jinghalaq u jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Inoltre, kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunkwe dejn li setghet ghamlet ma xi bank.

"*[8] Id-Dar Matrimonjali, s-Showroom Rijas u garaxxijiet ohra fi Triq ir-Raheb Tarxien*

"Mill-provi jirrizulta li dawn inbnew fuq art proprjeta' parafernali tal-konvenut, u ghalhekk huma parafernali tieghu.

"Illi l-pretensjoni attrici li meta l-konvenut akkwista l-art qabel iz-zwieg hu, ghalkemm kien deher wahdu fuq il-kuntratt, kien qed jagixxi wkoll fl-interess tal-attrici, mhijiex sorretta minn provi sodisfacenti. Fl-ewwel lok, ghax ma kien hemm xejn x' jimpedixxi lill-attrici, milli tidher fuq il-kuntratt. Dak iz-zmien l-attrici kellha 19-il sena u kellha gharfien bizzejjed dwar dak li kien qed isir bil-kuntratt tal-akkwist tal-art, tant, li ftit xhur wara, iffirmat skrittura ta' self bejnha u bejn il-konvenut. Dan jindika li l-attrici kellha gharfien bizzejjed sabiex tissalvagwarda l-interessi taghha hekk kif ghamlet fil-kaz tas-self ta' flus li hija tat lil-konvenut.

"Il-Qorti tosserva li l-pretensjoni attrici li hi kienet partecipi fil-kuntratt tal-akkwist bil-prestanome mhijiex sodisfacentement provata, anzi hija mdghajjfa minn provi ohra.

"*[9] Parafernali Attrici*

"Is-somma ta' Lm6,000 skont l-iskrittura[3] quddiem in-Nutar Joseph R. Darmanin datata 1 ta' Frar 1988, u allura qabel iz-zwieg, fejn l-attrici selfet dawn il-flus lill-konvenut ghall-kostruzzjoni tal-fond bla isem Triq tal-Barrani, Tarxien. Il-konvenut obbliga ruhhu li jirrifondi tali somma fi zmien tlett snin mid-data ta' l-iskrittura u dan minghajr imghax, ghalhekk oltre is-somma Lm6,000, il-konvenut ghandu wkoll jghaddi l-attrici l-imghax fit- 2

[3] Vol. 2, fol. 608.

ta' Frar 1991. Izda dan is-self ghandu jibqa' jigi regolat bl-imsemmija skrittura.

"*[10] Parafernali Konvenut*

"Fir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali, u cioe li,

""*Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2007 l-konvenut pprezenta:*

"*Dok. JS2 – kuntratt atti Nutar JR Darmanin tal-1 ta' Frar 1990 fejn akkwista LM15,000 parafernali*

"*Dok. JS3 – ritratt li juri kompla l-finishing tal-istess u li martu ma harget xejn ghax dawn saru mill-LM15,000 u x-xoghol sar mill-kumpanija ta' huh Cahrles Schembri ta' FDB Limited.*

"*Dok. JS4 – 15 il pagna ta' invoices peress li kien biegh sehmu mill-blokk ta' appartamenti ta' Alexander Street B'Bugia (Dok JS2) li jaghmillu dawn ix-xogholijiet bhala parti mill-prezz tal-bejgh*

"*Dok JS5 – kuntratt atti Nutar Peter Fleri Soler tat-18 ta' Frar 1991 biegh parti mil-plot li kellu qabel iz-zwieg LM2000*

"*Dok JS6 – overdraft ta' LM20,000 li estenda ghal LM45,000 u anke ssellef LM2500 minghand huh Charles Schembri.*

"*Dok. JS7 – LM2000 mill-wirt ta' missieru atti Nutar Joseph Debono tat-13 ta' Jannar 2000.*

"*Jigi rilevat li Dok JS6 mhux l-overdraft li l-konvenut jghid li ha mill-bank izda huwa skrittura ta' self tal-1 ta' Frar 1990 quddiem n-Nutar Joseph R. Darmanin li tghid li l-konvenut ssellef minghand huh Carmel sive Charles Schembri LM2500 li irceva qabel l-1 ta' Frar 1990 bhala self.*

"*Dwar Dok JS4 li skont il-konvenut huma l-finishing tal-istess showroom u dar u garaxxijiet, datati 16 ta' Frar 1990, u li skond l-konvenut dawn harighom hu mill-flus li wiret, tenut kont li l-konvenut ipprova bil-kuntratt Dok JS2 (seduta 3/7/2007) li fl-1 ta' Frar 1990 wiret LM15,000, akwista LM2000 minn bejgh ta' plot, wiret LM2000 minghand missieru, l-perit legali hija propensa li temmen lill-konvenut.*

"*Il-perit legali tirrileva li stante li l-konvenut stess jammetti li dawn il-flus nefaqhom fil-bini u finishings tax-showroom, garaxxijiet u flat fl-istess art, liema art hija parafernali tieghu, l-konvenut ma jistghax jippretendi li jigu rifuzi lilu dawn il-flus.*

"*[11] Dejn taxxa*

"F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-elenku maghmul mill-perit legali a fol.1064 tal-process, li kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess [Appendix B], u tosserva li l-flus kollha li thallsu mill-konvenut qabel ma gie annullat iz-zwieg fil-5 ta' April 2010, ma jirrizultawx li dawn thallsu mill-proprjeta' parafernali tal-

konvenut, u ghalhekk il-pagamenti hemm maghmula huma meqjusa li saru mill-flus tal-komunjoni, u ghalhekk l-attrici m' ghandha tirrifondi xejn.

"Rigward il-pagamenti li saru mill-konvenut wara l-imsemmija data, il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwarhom wara proceduri separati li fihom jigi likwidat in-negozju tal-vetturi gestit mill-konvenut.

"**Decide**
"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li l-konvenut huwa esklussivament hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u dan mit-30 ta' Settembru 2002;

"[2]tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-fatt li ulied il-partijiet huma llum it-tnejn maggjorenni;

"[3] tichad it-tielet talba, filwaqt li tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mitt ewro manteniment arretrat tat-tifel, hekk kif ordnat fis-sezzjoni ntestat **"Manteniment";**

"[4] tilqa' r-raba' u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"[5] tilqa' l-hames talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Parafernali';** u tiddisponi mill-proprjeta' parafernali tal-partijiet kif indikat fl-istess sezzjoni;

"[6] tilqa' s-sitt talba limitatament hekk kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Parafernali';**

"[7] tichad is-seba' talba.

"L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha:

"... ... ... tvarja, timmodifika u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja nhar id-29 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet *Rita Schembri f'isimha proprio u bħala kuratriċi ad litem ta' uliedha minuri Janelle u Charlton ahwa Schembri vs Joseph Schembri*, Citazzjoni numru 769/2003 NC, u dan billi tikkonferma l-istess sentenza safejn astjeniet minn jew ċahdet, *in toto* jew parzjalment, it-talbiet attriċi numri tnejn, tlieta

u sebgħa, u tħassar, tannulla u tirrexxindi l-istess sentenza safejn tali sentenza laqgħet ir-rimanenti talbiet u laqgħet parzjalment it-tielet talba; u dan billi tiċħad it-talbiet attriċi u tirregola l-likwidazzjoni tal-komunjoni u tal beni parafernali skont is-sottomissjonijiet hawn magħmula, u billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent, konvenut appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha sostanzjalment qalet li s-sentenza appellata hija invece gusta u timmerita konferma; pero` hija wkoll ipprezentat kontestwalment appell incidentali fejn talbet li l-Qorti:

"i. tichad it-talbiet tal-konvenut appellant kif kontenuti fir-rikors tal-appell tieghu u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onosrabbli Qorti datata 29 ta' Novembru 2013;

"ii. tirriforma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti datata 29 ta' Novembru 2013 wara li tqis is-sottomissjonijiet maghmula f'dan l-appell incidentali, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, u tal-appell incidentali kontra l-konvenut appellant."

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

Illi **l-ewwel aggravju** tal-konvenut huwa li "*ladarba z-zwieg gie annullat l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-konvenut hati ghas-separazzjoni u lanqas ma setghet tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16*".

F'dan l-aggravju l-appellanti issostni li meta zwieg jigi annullat fil-mori ta' kawza ta' separazzjoni, il-Qorti ma ghandhiex tiehu aktar konjizzjoni tal-provi fir-rigward tat-tort ghat-tifrik taz-zwieg u allura lanqas tikkomina l-effetti tal-artikolu msemmi. Ghalkemm il-Qorti taqbel mar-risposta tal-appellata li l-appellant ma indikax dettaljatament ir-raguni ghaliex qieghed jitlob il-bdil tas-sentenza din il-Qorti xorta wahda se tinvestiga l-istess aggravju ghaliex jinftiehem bizzejjed.

Din il-Qorti kellha okkazjoni tippronunzja ruhha dwar din il-kwistjoni ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Spiteri v. Renald Spiteri** (11 ta' Marzu 2016) fejn iddecidiet li minkejja l-fatt li z-zwieg kien gie dikjarat null kellha tapplika l-Artikolu 48 u effettivament ghamlet hekk:

> "L-argument principali tal-appellanti allura huwa li skont l-interpretazzjoni taghha tal-Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) l-appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha; dan l-artikolu jghid hekk:
>
> > "**20**. (1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret **res judicata** meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.
> > (2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.
> > (3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.
> > (4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.
> > (5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien."

L-Artikolu 48 tal-Kodici Civili jghid hekk:

**48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

*(a)* il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

*(b)* dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artikolu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament.

Artikolu 51 u 52 jghidu:

**51**. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.

**52**. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il wiehed u l–ohra jkunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghal-firda.

Din il-Qorti fil-waqt li taqbel li f'dan il-kaz hemm l-estremi biex jigi applikat l-Artikolu 48, thoss li dan l-aggravju tal-apellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti.

Kwindi ghalkemm huwa minnu li ladarba z-zwieg jigi annullat, il-kwistjoni tat-tort ma ghandha ebda siwi ghas-separazzjoni "ut sic" jibqa' is-siwi li din il-kwistjoni tigi ezaminata ghall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 jekk ikun il-kaz u allura una volta stabbilit dan, anke fir-rigward tal-ispejjez. Din il-Qorti allura in vista tal-premess hija tal-fehma li ghandha tichad dan l-aggravju.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja l-allegazzjoni tal-appellant li l-attrici appellata kienet hatja ta adulterju fil-konfront tieghu. Huwa jallega li l-ewwel Qorti kellha ssib dan l-addebitu fil-konfront tal-appellata.

Kemm-il darba inghad minn din il-Qorti illi hija tbiddel apprezzament tal-ewwel Qorti, biss *"ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara*". L-istess principju gie ribadit fil-kawzi fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) *'il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' kazijiet*

*eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* u **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

*Din il-Qorti pero` "f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja".* (**Attard et v. Id-Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Minn ezami akkurat tal-process din il-Qorti thoss li fil-fatt li ghandha taqbel mal-ewwel Qorti li l-addebiti fil-konfront tal-appellant gew pruvati kif issemma' fis-sentenza, hija wkoll tal-fehma li l-istess appellant gab bizzejjed provi li anke l-appellata kienet hatja ta' adulterju u dan certament qabel ma gie pronunzjat l-annullament bejn il-partijiet. Jirrizulta infatti anke mid-depozizzjoni ta' ulied il-partijiet li l-persuna li issa hija mizzewga lill-appellata kienet tghix maghhom fil-kors tal-kawza. Il-fatt li l-appellant kien vjolenti maghha ma jfissirx li l-adulterju huwa gustifikat f'kawza ta'

separazzjoni u dan naturalment minghajr ma l-Qorti taghmel xi gudizzju ta' natura morali.

Ghalhekk il-Qorti taqbel li ghat-tifrik taz-zwieg ghandhom 'jehlu' z-zewg partijiet ghaliex ghalkemm indubbjament kien hemm ragunijiet ohra ghat-tifrik taz-zwieg, "*l-adulterju dejjem kien meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi illi ghaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali*". (**Vol XXXVII-parti ii, pagna 693**). Dan naturalment ikun rifless ukoll fil-kap tal-ispejjez. (ara ukoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Nancy Magro v. Karmenu Magro**, moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2014).

**It-tielet aggravju** huwa dwar il-manteniment; l-appellant jghid li gew likwidati arretrati fl-ammont ta' sitt mitt euro li fil-fatt kienu gew saldati fil-mori tal-kawza. Dan gie rikonoxxut mill-appellata fir-risposta taghha u ghalhekk ma hemmx aktar kwistjoni dwar dan; anke jekk l-appellant stess jammetti fir-rikors tal-appell tieghu li huwa naqas li jigbed l-attenzjoni dwar dan lill-ewwel Qorti fis-sottomissjonijiet finali tieghu.

**Ir-raba' aggravju** jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti ordnat lill-appellant ihallas lura s-somma ta' Lm6,000 li l-attrici sellfitu qabel iz-zwieg. Fir-rikors tal-appell jallega li huwa irrestitwixxa din is-somma lil martu ghaliex ipproduca xhieda lill-lavranti li qalu li hija kienet tordna lill-klijenti taghhom

ihallsu lill-genituri taghha biex tiehu lura dan is-self. Jilmenta wkoll li ma hemmx gustifikazzjoni legali ghaliex il-hlas ghandu jsir bl-imghaxijiet minn Frar 1991 u li f'kull kaz is-self sar biex tghin fil-bini tad-dar matrimonjali. L-appellata tirribatti ghal dan billi tghid illi l-appellant kien gia` fil-kummerc u ghalkemm huwa minnu li l-flus intuzaw biex tinbena d-dar, flimkien mad-dar inbniet ukoll showroom u garages sottostanti u allura l-obligazzjoni kienet wahda kummercjali.

Din il-Qorti fil-waqt li ghal dak li jirrigwardja r-restituzzjoni o meno tas-self tirreferi ghal darb'ohra ghal dak li gia` qalet dwar apprezzament tal-provi, jidrilha li ghalkemm jista' jkun li l-flus intuzaw ukoll ghall bini tal-proprjeta` li intuzat kummercjalment, l-iskop principali tas-self kien ghall bini tad-dar u allura din ma kinitx obligazzjoni kummercjali kif irid l-Artikolu 1141 (1) tal-Kap. 16 biex l-imghax jibda jiddekorri "ipso jure". Ghalhekk ladarba ma saret ebda interpellazzjoni qabel il-kawza, l-imghax ghandu jibda ghaddej minn meta giet intavolata l-kawza u allura mid-29 ta' Lulju 2003 u dan ghaliex naturalment dak in-nhar kien hemm interpellazzjoni ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u restituzzjoni tal-beni parafernali. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant li meta l-ewwel Qorti ordnat ir-restituzzjoni ta' din is-somma agixxiet "ultra petita" ghaliex kif qalet din il-Qorti ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Penza v. Penza** (29 ta' April 2016) "*Huwa evidenti ghall-Qorti li dan ir-ragunament ma ghandu ebda*

*fondament guridiku u ghandu jitwarrab. Il-Qrati taghna diversi drabi qalu li l-bejgh ta' fond komuni (bhal licitazzjoni f'divizjoni ta' wirt) bejn il-partijiet ma ghandux bzonn ta' talba specifika ladaraba tkun saret talba ghad-divizjoni – f'dan il-kaz il-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni tal-akkwisti*".

Ghalhekk il-Qorti tilqa' dan l-aggravju biss fejn jirrigwardja d-dekorriment tal-imghax.

**Il-hames u sitt aggravju** tal-appellant huma s-segwenti:

**Il-hames aggravju**: Illi dwar il-kirjiet percepiti mill-konvenut, huwa jsostni li in parte dawn marru biex thallsu t-taxxi u l-penali dovuti bhala rizultat tal-investigazzjoni tat-Tax Compliance Unit, u in parte ma kenux dovuti lill-attrici billi gew ippercepiti wara l-annullament in konnessjoni ma' proprjeta` parafenali tieghu; il-Qorti iddecidiet li l-konvenut ma ghandu jiehu xejn minghand l-attrici talli hallas it-taxxi u l-penalitajiet li kienu dovuti mill-komunjoni, billi l-hlas sar minn flus tal-komunjoni (apparti li ghamel rizerva dwar dak li thallas wara l-annullament), imma fl-istess hin ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs il-kirjiet ippercepiti; jekk tali flejjes hallsu dejn tal-komunjoni, l-attrici ma tistax terga' tiehu nofshom, ghax b'hekk tkun qed tiehu sehemha darbtejn;

**Is-sitt aggravju**: L-ewwel Onorabbli Qorti fil-likwidazzjoni tal-beni parafernali u tal-komunjoni mxiet b'mod diskriminatorju, u dan billi (a) fejn il-konvenut ressaq provi li kellu beni parafernali konsistenti fi stokk minn ta' qabel iz-zwieg, il-pretensjoni tieghu giet michuda minhabba nuqqas ta' prova tal-valur; (b) fejn il-konvenut ressaq provi li juru lill-attrici ggorr il-mobbli tal-komunjoni mid-dar matrimonjali, il-pretensjonijiet tieghu gew michuda billi ma rrizultax valur; (c) fejn l-attrici ressqet provi li kien ghad fadal stokk li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, imma ma ressqitx prova tal-valur, il-Qorti flok cahdet irrizervat favur l-attrici d-dritt li titlob il-likwidazzjoni ta' tali stokk permezz ta' gudizzju separat; u (d) fejn il-konvenut ressaq provi li huwa hallas dejn tal-komunjoni wara li z-zwieg gie annullat, u ressaq ukoll il-prova tal-valur ta' tali hlas, il-Qorti, flok assenjat lilu kwantu dovut u ppruvat, irrizervat il-pretensjoni ghal gudizju separat in konnessjoni mal-likwidazzjoni tal-istokk tan-negozju;

Din il-Qorti taqbel mal-appellata f'dan ir-rigward li anke hawn, l-appellant qed jitlobha tirrevedi u tiddeciedi mill-gdid dwar il-fatti. Wara li ezaminat l-atti din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tbiddel l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti dwar il-fatti tal-kaz anke ghaliex l-allegazzjonijiet tal-appellant f'dawn iz-zewg aggravji (specjalment is-sitt wiehed) huma ghal kollox vellejitarji u ma jirriflettux il-provi mressqa jew ghall-inqas huma

allegazzjonijiet da parti tieghu li gew kontestati u mhux pruvati sodisfacentement. Kwindi dawn l-aggravji huma respinti wkoll.

Finalment **l-ahhar aggravju** jirrigwardja l-kap tal-ispejjez. Naturalment l-ewwel Qorti peress li sabet lill-konvenut responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, addossatu bil-hlas tal-ispejjez peress illi l-Qorti kellha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 illi jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti *telliefa* biex thallas l-ispejjez tal-kawza filwaqt li s-sub inciz (3) jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha "*meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.ngħatat fuq punt legali iżda biss jekk jindaħlu xi punti speċjali ta' liġi.*

Peress li din il-Qorti qed issib lill-appellata wkoll responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg huwa daqstant naturali li se tordna li l-ispejjez tal-Ewwel Istanza jkunu wkoll a kariku tal-partijiet indaqs fil-waqt li dawk tal-appell se jinqasmu skont ir-rebh u t-telf rispettiv. L-appellant ilmenta wkoll dwar l-ispejjez tal-perizja teknika u qal li peress li whud mill-proprjetajiet in kwistjoni gie deciz li jkunu parafernali, huwa ma kellux jigi addossat bl-ispejjez tal-istima ta' dawk il-proprjetajiet li finalment gie deciz li kienu tieghu biss. Dan huwa minnu izda l-Qorti se tvarja il-kap tal-ispejjez fl-intier tieghu u peress li naturalment hemm taxxa wahda ghal din il-perizja

il-Qorti jidhrilha li dawn l-ispejjez ghandhom (anke ghal skopijiet prattici) jidhlu taht il-kappa wahda tal-ispejjez kollha tal-kawza anke ghaliex biex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha kellha bil-fors tidentifika l-proprjetajiet tal-partijiet kollha u tiddeciedi liema kienu parafernali u liema huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**KONTRA TALBA TAL-APPELLATA**

L-ewwel aggravju jirrigwardja l-assenjazzjoni tal-garaxx fi Triq ir-Raheb Hal Tarxien li gie assenjat lill-partijiet f'ismha ndaqs; hija tirritjeni li dan ghandu jigi assenjat lilha peress li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant wahdu responsabbli ghas-separazzjoni.

Huwa evidenti li dan l-argument jaqa' ghal kollox ladarba din il-Qorti qed issib lill-partjiet ugwalment responsabbli ghall-firda. Ghaldaqstant l-aggravju huwa respint.

It-tieni aggravju jirrigwardja t-trading licence li giet assenjata lill-appellant; l-appellata tghid li din inharget waqt iz-zwieg u allura kellha tigi ikkonsidrata fil-qsim tal-komunjoni. Il-problema hi li ma ngabet ebda prova dwar il-valur taghha u kien jispetta lill-istess appellanti incidentali biex taghmel dan; - "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-

Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995 u ricentement minn din il-Qorti fil-kawza **Vella v. Customs Freight Limited**, 29 ta' April 2016.

Dan japplika wkoll ghall-ahhar aggravju u cioe` li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-benefikati li skont l-istess appellanti incidentali saru matul iz-zwieg fil-proprjeta` parafernali tal-appellant principali. Hija targumenta li l-Qorti ghandha tiehu l-valur tal-proprjeta` in kwistjoni u tnaqqas minnu l-valur tal-art meta giet akkwistata (b'zieda mal-ispejjez li ghamel l-appellant principali mill-fondi parafernali tieghu) u allura l-ammont li jibqa' jinqasam bejn il-partijiet. Dan huwa argument ghal kollox insostenibbli ghaliex il-valur tal-proprjeta` issa zgur ma huwiex biss frott tal-miljoramenti li saru izda ghall-awment fil-valur tal-proprjeta` aktar ma jghaddi z-zmien, u kien jispetta lill-appellanti incidentali biex iggib prova tal-valur ta' dawk il-miljoramenti meta effettivament saru. Ghalhekk l-aggravju huwa michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell principali billi tilqghu biss fir-rigward tat-tieni aggravju u tiddikjara l-partjiiet ko-responsabbli indaqs

ghat-tifrik taz-zwieg; tilqa' t-tielet aggravju u tiddikjara l-arretrati ta' €600 (sitt mitt euro) bhala manteniment saldati; tilqa' r-raba' aggravju limitatament billi tordna li l-imghaxijiet fuq is-somma ta' sitt elef liri maltin (Lm6,000) (tlettax-il elf disa' mija u tmenin euro [€13, 980]) jibdew jghaddu mid-29 ta' Lulju 2003; tichad l-aggravji l-ohra mhux imsemmija; tichad l-appell incidentali; tikkonferma l-kumplament tas-sentenza hlief ghall-kap tal-ispejjez billi tordna li l-ispejjez tal-Ewwel Istanza jinqasmu indaqs bejn il-partijiet; dawk tal-appell principali kwantu ghal tnejn minn hamsa ($^{2}/_{5}$) mill-appellata u tlieta minn hamsa ($^{3}/_{5}$) mill-appellant; dawk tal-appell incidentali a kariku tal-istess appellanti incidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df